MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 366/1998/1

**Mirachem International Limited**

**v.**

**Michelina sive Lina Agius;  Carmen Agius;**
**Maria Gravino;  Pauline Agius;**
**Joseph Aquilina u Michelina Agius u**
**Joseph Aquilina ghan-nom ta' Bartholomeo Aquilina**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi

ppremettiet illi permezz ta’ konvenju datat 15 ta’ Novembru 1995 hija dahlet fi konvenju mal-konvenuti u dana fir-rigward ta’ xiri ta’ art gewwa l-Madliena kif jidher ahjar mid-dokument A skond il-kundizzjonijiet hemm pat(t)witi; illi s-socjetà attrici otteniet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti bin-numru 298/98 sabiex ma jbieghux din l-art lil terzi billi s-socjetà attrici saret taf li xi hadd mill-konvenuti ried ibiegh sehmu lil terzi minkejja dan il-konvenju; illi l-konvenuti kienu intrabtu mas-socjetà attrici sabiex jaghmlu d-divizzjoni ta’ l-art in kwistjoni izda dana sallum ghadhom ma ghamluhx u s-socjetà attrici ghandha interess illi ssir id-divizjoni sabiex ikun jista’ jsir l-att finali ta’ bejgh; talbet ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tikkonferma l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 298/98 fl-ismijiet Mirachem International Limited kontra Michelina sive Lina Agius et; 2. tordna l-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jistitwixxu proceduri ghad-divizzjoni ta’ l-art in kwistjoni taht dawk il-provvedimenti u penalitajiet fin-nuqqas li jsir dan; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Ferdinand Grech, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:

1. Illi l-ewwel domanda attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni spiccaw billi ma giex segwit minn talba ghall-ezekuzzjoni tal-konvenju li in kawtela tieghu gie ottenut fi zmien utili (art. 843, Kap 12); dan apparti li skada t-terminu biex il-konvenju jibqa’ *in vigore*;

2. Illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mit-tieni domanda ghaliex ma ghandhomx interess fiha billi divizjoni saret fil-11 ta’ Novembru 1998, ferm qabel in-notifika tac-citazzjoni, li saret fit-3 ta’ Marzu 1999;

Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, id-domandi attrici ghandhom jigu michudin (*sic*) bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Michelina Agius, Carmen Agius, Maria Gravino u Pauline Agius, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-hmistax (15) ta' Lulju, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici u ordnat illi l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjetà attrici, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi fil-15 ta' Novembru 1995 il-partijiet iffirmaw konvenju fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom li jbieghu lis-socjetà attrici, li obbligat ruhha li tixtri porzjon diviza ta' art il-Madliena, tal-kejl ta' cirka tlett itmiem murija fil-pjanta annessa mal-istess konvenju, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u hielsa minn kull dritt tat-terzi *tale quale*, bil-barriera li fiha.  Permezz ta' din l-iskrittura il-vendituri, u cioè il-konvenuti fil-kawza odjerna, intrabtu li minnufih jitolbu d-divizjoni ta' l-art in kwistjoni u dan peress li huma kienu jipposjedu art akbar minn tlett itmiem u zewg sieghan (3T 2S) in komun ma' tlett minn huthom ohra w intrabtu li jaghmlu dak kollu li kien mehtieg sabiex jithaffu l-proceduri legali.  Huma obbligaw ruhom li jifthu l-kawza relattiva ghad-divizjoni fi zmien tlett xhur mid-data ta l-iffirmar ta' l-iskrittura, u x-xerrej, cioè is-socjetà attrici, kellha thallas l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza. Dan il-konvenju kien validu sa zmien minn meta tigi pubblikata d-divizjoni in kwistjoni.

"Illi fit-3 ta' Frar 1998 is-socjetà attrici ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti (Mandat Numru 298/98 li kopja tieghu tinsab esibita a fol. 48 *et seq.* tal-process) fejn il-konvenuti gew inibiti milli jbieghu jew b'xi mod jitrasferixxu porzjon divisa ta' art li tinsab il-Madliena bil-kejl ta' tlett itmiem, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, hielsa minn kull dritt ta' terzi, *tale quale*, bil-barriera fiha.

"Illi fit-23 ta' Frar 1998, is-socjetà attrici intavolat il-kawza odjerna.  Il-konvenuti gew notifikati bl-att tac-citazzjoni fil-bidu ta' Marzu 1999.

"Illi fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti ghamlu riferenza ghall-kuntratt ta' divizjoni li kien sar fil-11 ta' Novembru 1998, in atti tan-Nutar Victor John Bisazza (a fol. 37 *et seq.* tal-process).

"Illi din il-Qorti ghandha quddiemha zewg talbiet (1) sabiex tikkonferma l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 298/98; u (2) sabiex tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jistitwixxu proceduri ghad-divizjoni ta' l-art in kwistjoni, u cioè dik imsemmija fil-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995.

"Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel talba tas-socjetà attrici, l-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata jeccepixxu li din it-talba ghandha tigi michuda ghaliex l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li tieghu s-socjetà attrici qed titlob il-konferma spiccaw billi dan il-mandat ma giex segwit minn talba ghall-esekuzzjoni tal-konvenju li in kawtela tieghu gie ottenut fi zmien utili u jaghmlu riferenza ghall-Artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

'*Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-Mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna ta' l-avviz ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat lir-rikorrent jew lill-Avukat jew Prokuratur Legali li l-firma tieghu tkun tidher fuq ir-rikors ghall-hrug tal-Mandat jew fi zmien tnax-il jum wara l-hrug tal-Mandat, skond liema data tigi qabel*.'

"Mill-atti tal-Mandat esebiti a fol. 48 *et sequitur* jirrizulta li dan il-Mandat inhareg fit-3 ta' Frar 1998 u li l-Avukat Keith Bonnici, u cioè l-Avukat li iffirma r-rikors ghall-hrug tal-Mandat gie notifikat bl-avviz ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat fis-6 ta' Frar 1998. Ic-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fit-23 ta' Frar 1998. Jirrizulta ghalhekk li din giet pprezentata oltre t-terminu prefiss fl-Artikolu 843. Ic-citazzjoni giet ipprezentata ghoxrin (20) jum wara l-hrug tal-Mandat u sbatax (17)-il jum wara li l-Avukat li ffirma r-rikors ghall-hrug tal-Mandat gie notifikat bl-avviz ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat.

"Illi fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti jeccepixxu li fi kwalunkwe kaz il-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995 ma kienx ghadu validu stante li ma sarx il-kuntratt ta' bejgh *entro* t-tlett xhur minn meta gie publikat il-kuntratt ta' divizjoni tal-11 ta' Novembru 1998 kif jistabilixxi l-istess konvenju. Is-socjetà attrici min-naha l-ohra tikkontendi li l-konvenju ghadu validu stante li l-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1998 ma kienx kuntratt ta' divizjoni izda kuntratt fejn il-partijiet involuti ttransigew xi pendenzi li kien hemm bejniethom rigwardanti l-assi ereditarji tal-genituri taghhom u li permezz tieghu saret assenjazzjoni ta' dawn l-assi ereditarji.

"Illi l-konvenuti sostnew ukoll li din il-Qorti ma tistax tezamina l-kwistjoni dwar in-natura u l-validità tal-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1998 stante li fic-citazzjoni odjerna ma res[s]qitx talba f'dan is-sens. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mis-socjetà attrici u tirritjeni li in vista tat-tieni talba tas-socjetà attrici u l-eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu jirrigwarda din it-talba, u anki in vista ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti l-validità tal-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995, din il-Qorti trid bilfors tezamina u tiddefinixxi n-natura tal-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1998. Fil-premessi ta' dan il-kuntratt, u precizament fl-ewwel u fir-raba' premessa, insibu '*li jezistu bejniethom diversi kwistjonijiet relatati mal-wirt tal-genituri taghhom Nazzareno Aquilina ……… u Antonia Aquilina ……...*' u '*Il-partijiet jixtiequ jitransigu l-kwistjonijiet kollha li jezistu bejniethom …*' fit-tieni paragrafu ta' l-artikolu 5 ta' dan il-kuntratt insibu hekk '*Bhala parti mit-transazzjoni ta' bejniethom il-partijiet sejrin issa jghaddu biex jiddividu bejniethom permezz ta' assenjazzjoni reciproka l-ghalqa 'ta' Stronka', maghrufa wkoll 'ta' Xajrat' ukoll 'tal-Qajjarun' fil-Gharghur*'. Aktar 'il quddiem f'dan il-kuntratt insibu li l-konvenuti fil-kawza odjerna assenjaw u ttrasferew b'titolu ta' divizjoni lit-tlett huthom Catherine Aquilina, Reverendu Annunziato Aquilina u Agnes Aquilina li bl-istess titolu ta' divizjoni, indivizament bejniethom, accettaw u akkwistaw porzjoni divisa mill-art imsejha 'ta' Stronka'. Minn naha l-ohra dawn ta' l-ahhar ukoll assenjaw u ttrasferew lill-konvenuti b'titolu ta' divizjoni porzjoni indiviza ta' l-art maghrufa bhala 'ta' Stronka'. Fil-konvenju tal-15 ta'

Novembru 1995 ma hemmx riferenza ghall-isem ta' l-art li l-konvenuti kienu qeghdin jobbligaw ruhhom li jbieghhu lis-socjetà attrici wara li ssir id-divizjoni izda waqt it-trattazzjoni finali, l-Avukat difensur tas-socjetà attrici rrefera ghall-art li s-socjetà attrici riedet tixtri bhala 'ta' Stronka'. Irid jigi rilevat ukoll li mal-kopja tal-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995 ma gietx esebita kopja tal-pjanta annessa ma' l-istess konvenju.

"Illi d-dicitura tal-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1998 tindika inekwivokabilment li n-natura predominanti ta' dan il-kuntratt kien wiehed ta' divizjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet ittransigew pendenzi ohra ezistenti bejniethom u mhux konnessi mad-divizjoni ta' l-art imsejha 'ta' Stronka', ma jfisser xejn. Fuq kollox id-divizjoni ta' din l-art maghrufa bhala 'ta' Stronka' kienet wahda mill-kwistjonijiet li kienu jezistu bejn l-ahwa Aquilina.

"Illi *una volta* stabbilit li l-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1998 kien prevalentement kuntratt ta' divizjoni liema divizjoni kienet dik li ghaliha saret riferenza fil-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995, jibqa' biss il-kwistjoni tal-validità tal-konvenju. Fil-konvenju nsibu li dan il-konvenju kellu jibqa' validu sa zmien minn meta tigi pubblikata d-divizjoni in kwistjoni. L-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 jistabilixxi li l-effett ta' konvenju jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet jew jekk ma jkunx hemm ebda ftehim bhala dak, '*meta jghaddu tlett xhur minn dakinhar li l-bejgh ikun jista' jsir kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fiz-zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien*'. Fil-kaz odjern il-bejgh seta' jsir fil-mument li gie pubblikat il-kuntratt ta' divizjoni tal-11 ta' Novembru 1998 u mill-atti processwali ma rrizultax li s-socjetà attrici ottemperat ruhha ma' dak stabbilit fis-subinciz (2) tal-Artikolu 1357 hawn fuq citat. Is-socjetà attrici fil-fatt tikkontendi li l-perjodu ta' tlett xhur ma bediex jiddekorri stante li l-konvenuti ma

nnotifikawhiex permezz ta' ittra ufficjali jew b'xi mod iehor li kien gie pubblikat il-kuntratt ta' divizjoni tal-11 ta' Novembru 1998 u li ghalhekk il-partijiet setghu jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh relattiv. Fil-konvenju ma jissemma ebda obbligu tal-konvenuti li jinnotifikaw jew b'xi mod iehor jinfurmaw lis-socjetà attrici meta ssir id-divizjoni msemmija fl-istess konvenju. Kif ben tajjeb irrilevaw il-konvenuti, din id-divizjoni saret permezz ta' att pubbliku u ghalhekk is-socjetà attrici setghet, jekk riedet tissalvagwardja l-interessi taghha taghmel ir-ricerki relattivi fir-Registru Pubbliku u konsegwentement issir taf b'tali divizjoni. Irid jinghad ukoll li s-socjetà attrici, wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, setghet innotifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet b'kopja tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 873(9) tal-Kap. 12 sabiex isir notament fir-registru relattiv. B'dan il-mod is-socjetà attrici kienet tkun qed tissalvagwardja l-interessi taghha ghaliex imbaghad kien jiskatta l-provvediment kontenut fis-subinciz (10) ta' dan l-Artikolu li jipprovdi li '*malli ssir ir-registrazzjoni tal-Mandat kif imsemmi fis-sub-artikolu (8) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, kull bejgh, trasferiment jew tnehhija sussegwenti ta' hwejjeg immobbli li ghalihom ikun jirrieferi l-Mandat ikun null u bla effett*'. Izda s-socjetà attrici naqset milli taghmel dan kif naqset milli tintavola l-kawza odjerna entro t-terminu prefiss mil-ligi sabiex jibqghu fis-sehh l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni u konsegwentement jigu salvagwardati d-drittijiet taghha skond il-konvenju tal-15 ta' Novembru 1995.

"Ir-ragunijiet kollha fuq moghtija ghandhom iwasslu ghac-cahda tat-talbiet attrici minghajr ma' l-Qorti ghandha ghalfejn tezamina ulterjorment kemm kienet legalment proponibbli t-tieni talba ta' l-istess socjetà attrici kif imposta."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà attrici illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi dina l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju, 2002, tichad l-eccezzjoniet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-konvenuti (erroneament indikati fiha bhala atturi) illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell ghandu jigu michud, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif tista' tifhem dina l-Qorti, wara illi qrat ir-rikors ta' appell ghal aktar minn darba, l-aggravju tas-socjetà appellanti kontra s-sentenza appellata, fi kliem l-istess rikors, huwa s-segwenti:
"… l-esponenti … jsostni [*recte*: ssostni] illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-kuntratt fuq imsemmi" (*i.e.* kuntratt pubblikat fil-11 ta' Novembru, 1998 illi kopja tieghu tinsab a fol. 37 sa 47 tal-process);

Skond is-socjetà appellanti l-ewwel Qorti "ghamlet apprezzament hazin" ta' l-imsemmi kuntratt ghaliex hija kkonkludiet illi dana huwa wiehed ta' divizjoni meta, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… l-esponenti tikkontendi illi l-Ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-kuntratt maghmul bejn il-konvenuti u huthom fil-11 ta' Novembru 1998 kien wiehed ta' assjenjazzjoni u mhux divizjoni skond it-testmenti tal-genituri taghhom";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan l-aggravju ta' l-appellanti huwa ghal kollox infondat ghaliex ma ghandu ebda bazi legali. Dana ghaliex mhux facli illi wiehed jikkoncepixxi kif komproprjetarji ta' immobbli jiddividu l-istess immobbli bejniethom - bhalma, permezz ta' l-imsemmi kuntratt, ghamlu l-konvenuti u t-tliet (3) huthom illi ma humiex parti fil-kawza - minghajr ma ssir assenjazzjoni reciproka. Huwa utili u interessanti, f'dan ir-rigward illi jigu hawn riprodotti siltiet mis-Sub-titolu II - intitolat "FUQ IL-QASMA [DIVIZJONI] TAL-BENI IN KOMUN" - tat-Titolu V ta' Taqsima 1 tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, Kap. 16 (komprendenti l-artikoli minn 496 sa 514):

503. Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom vicini ghal xi whud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jigu assenjati lilu bi stima, izda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli ohra in komun li minnhom jista' jigi assenjat lil kull wiehed mill-komproprjetarji l-ohra sehem bejn wiehed u iehor ugwali.
…

510. (1) …
(2) … kemm-il darba l-ishma tal-partijiet li jkunu qeghdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-qorti tiddeciedi jekk l-ishma ghandhomx jigu mtellghin bix-xorti, jew jekk il-qsim ghandux isir b'assenjazzjoni ghal kollox jew f'parti.
…

514. (1) Meta f'qasma, jew f'xi att iehor li bih tispicca l-komunjoni ta' hwejjeg mobbli jew immobbli … il-valur gust tal-beni li messew jew li gew assenjati …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti tista' tieqaf hawn u tghaddi immedjatament sabiex tirrespingi l-appell li huwa wiehed altament fieragh, però xorta wahda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar xi sottomissjonijiet maghmula mis-socjetà attrici fir-rikors ta' appell taghha:

(i) Fl-ahhar paragrafu tat-tieni (2) pagina tar-rikors ta' appell jinghad hekk (fol. 80):

"Illi peress illi dina l-art [dik in kwistjoni] kienet akbar minn tlett itmiem u cioè tlett itmiem u zewg sieghan il-konvenuti kellhom jaghmlu divizjoni ta' dina l-art sabiex jigu definiti u separati iz-zewg sieghan li kienu jappartjenu lil tlett huthom ohra u dana skond it-testmenti tal-genituri taghhom" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fost l-atti processwali ma jirrizultawx kopji tat-testmenti tal-genituri tal-kontendenti u, ghalhekk, huwa inutili illi s-socjetà appellanti taghmel riferenzi ghall-kontenut ta' dawn it-testmenti;

(ii) Fit-tieni (2) paragrafu tat-tielet (3) pagina tar-rikors ta' appell is-socjetà appellanti issottomettiet hekk (fol. 81):

"Illi fejn qabel [jigifieri meta sar l-att ta' konvenju in kwistjoni] dawn it-tlett itmiem li kienet sejra tixtri l-esponenti kienu jappartjenu li[l] sitta minn nies, issa [jigifieri wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-11 ta' Novembru, 1998] dina l-art giet tappartjeni lil disa' minn nies …";

Kuntrarjament ghal dak illi qed tasserixxi s-socjetà appellanti, meta sar l-att ta' konvenju in kwistjoni l-art *in vendita* ma kienitx tappartjeni lis-sitt (6) konvenuti biss izda kienet tappartjeni *pro indiviso* - flimkien maz-zewg (2) sieghan l-ohra - lill-konvenuti u lit-tliet (3) huthom l-ohra, kif, *del resto*, jinghad fl-istess att ta' konvenju (fol. 35-6):
"Il-vendituri jintrabtu li minnufih jitolbu d-divisjoni ta' l-art in kwistjoni u dan peress li huma jipposjedu art akbar li [*recte*: ta'] tlett itmiem u zewg sieghan (3T 2S) <u>in komun ma' tlett minn huthom</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Tqum wahedha d-domanda: jekk meta sar l-att ta' konvenju l-art in kwistjoni kienet già tappartjeni lill-vendituri - l-konvenuti - biss, xi bzonn kien hemm illi, sabiex jigi kompletat il-bejgh favur is-socjetà attrici issir divizjoni ta' l-art?

Fl-ahharnett, tajjeb illi jinghad illi fil-fehma ta' dina l-Qorti, meta s-socjetà attrici iffirmat l-att ta' konvenju in kwistjoni hija hadet riskju. Dana ghaliex, la darba l-art illi s-socjetà attrici ntrabet illi tixtri kienet tappartjeni *pro indiviso* lill-konvenuti (illi ntrabtu illi jbieghu) u lit-tliet huthom (illi ma ntrabtux bl-istess mod), hija ma kellha ebda garanzija illi permezz ta' l-eventwali divizjoni din l-art issir tal-konvenuti biss;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223

tal-Kap. 12, tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------